MINUTI

KAMRA TAD-DEPUTATI

IL-ĦMISTAX-IL PARLAMENT

SEDUTA NRU 43

l-Erbgħa, 18 ta' Novembru 2026

Il-Kamra tad-Deputati ltaqgħet fis-Sala tal-Parlament, il-Belt Valletta, fl-4.01 p.m.

L-Ispeaker, l-Onor. Carmelo Abela, ippreseda.

PREŻENTI

Il-Ministru għal Għawdex l-Onor. Clint Camilleri, il-Ministru għall-Edukazzjoni u l-Isport l-Onor. Byron Camilleri, il-Ministru għall-Enerġija, l-Ambjent u r-Riġenerazzjoni tal-Port il-Kbir l-Onor. Miriam Dalli, il-Ministru għall-Mobbiltà Sostenibbli l-Onor. Chris Bonett, il-Ministru għall-Affarijiet Barranin u Ewropej l-Onor. Chris Fearne, il-Ministru għall-Fondi Ewropej, id-Djalogu Soċjali u l-Protezzjoni tal-Konsumatur l-Onor. Keith Azzopardi Tanti, il-Ministru għall-Intern u s-Sigurtà l-Onor. Glenn Bedingfield u l-Ministru għaż-Żgħażagħ, il-Benesseri u l-Implimentazzjoni tal-Programm Elettorali l-Onor. Omar Farrugia kienu msiefra fuq xogħol tal-Gvern.

L-Onor. Graziella Attard Previ kienet imsiefra fuq xogħol parlamentari.

L-Onor. Graham Bencini u l-Onor. Beppe Fenech Adami kienu msiefra fuq xogħol uffiċjali tal-Partit.

Il-Kap tal-Oppożizzjoni l-Onor. Alex Borg, l-Onor. Norma Camilleri u l-Onor. Romilda Zarb kienu skużati.

Il-Prim Ministru l-Onor. Robert Abela, id-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa l-Onor. Ian Borg, il-Ministru għall-Ekonomija, it-Teknoloġija u Proġetti Strateġiċi l-Onor. Silvio Schembri, il-Ministru għat-Turiżmu l-Onor. Jo Etienne Abela, is-Segretarju Parlamentari għall-Ħarsien tal-Annimali l-Onor. Alicia Bugeja Said, l-Onor. Andrew Agius, l-Onor. Ivan Bartolo, l-Onor. Julian Borg, l-Onor. Rebekah Borg, l-Onor. Conrad Borg Manché u l-Onor. Andy Ellul kienu assenti.

TALBA

L-Iskrivan tal-Kamra qalet it-talba.

MINUTI

Il-Minuti tas-Seduta Nru 42 li saret fit-18 ta' Novembru 2026 kienu konfermati.

INFORMAZZJONI MIS-SEDJA

L-Ispeaker qiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra:

P.L. 562 Rapport maħruġ mill-Uffiċċju Nazzjonali tal-Verifika bl-isem *Performance Audit: Verifying Income Tax Returns* maħruġ mill-Uffiċċju Nazzjonali tal-Awditur f'Novembru 2026.

RULINGS TAS-SEDJA

L-Ispeaker ta żewġ rulings fuq:

- każ ta' ksur ta' privileġġ imressaq mill-Onor. Nigel Vella fis-Seduta 38 tat-Tnejn, 16 ta' Novembru 2026 fil-konfront tas-Sur Joseph Farrugia dwar kummenti dispreġjattivi li saru fuq Facebook rigward il-ħidma parlamentari tiegħu; u

- l-ilment tal-Onor. Ivan Castillo li sar fis-Seduta 40 tat-Tlieta, 17 ta' Novembru 2026 dwar it-tweġiba mogħtija mill-Ministru għall-Finanzi għall-mistoqsija parlamentari 3256 dwar ħatriet ta' indivdwu f'bordijiet.

MISTOQSIJIET

Mistoqsijiet ġew magħmula u mogħtija tweġiba.

Fl-4.30 p.m. l-aħħar mistoqsija kienet numru 364 u l-mistoqsijiet l-oħra kollha li dehru fuq l-aġenda ngħataw tweġiba bil-miktub.

TQEGĦID TA' KARTI

Il-Ministru għall-Finanzi, l-Onor. Clyde Caruana, f'isem il-Ministru għall-Edukazzjoni u l-Isport qiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra:

P.L. 563 Avviż Legali Nru 311 tal-2026 – L-Ordinament tal-2026 biex jemenda l-Ordinamenti tal-2018 skont ir-Regolamenti Ġenerali għar-Rikonoxximenti Universitarji sal-Ewwel Grad, 2019 għall-Grad ta' Bachelor of Arts (Honours) in Facilitating Inclusive Education - B.A. (Hons) - taħt il-patroċinju tal-Fakultà tal-Edukazzjoni;

P.L. 564 Avviż Legali Nru 312 tal-2026 – L-Ordinamenti tal-2026 skont ir-Regolamenti Ġenerali tal-2019 għar-Rikonoxximenti Universitarji sal-Ewwel Grad għall-Grad ta' Bachelor of Science (Honours) in Computational Statistics and Artificial Intelligence – B.Sc. (Hons) – taħt il-patroċinju tal-Fakultà tax-Xjenza u tal-Fakultà tat-Teknoloġija tal-Informazzjoni u l-Komunikazzjoni;

P.L. 565 Avviż Legali Nru 313 tal-2026 – L-Ordinament tal-2026 biex jemenda l-Ordinamenti tal-2017 skont ir-Regolamenti Ġenerali għar-Rikonoxximenti Universitarji sal-Ewwel Grad, 2019 għall-Grad ta' Bachelor of Science (Honours) in Medical Biochemistry - B.Sc. (Hons) Med. Biochem. – taħt il-patroċinju tal-Fakultà tal-Mediċina u l-Kirurġija u tal-Fakultà tax-Xjenza;

P.L. 566 Avviż Legali Nru 314 tal-2026 – L-Ordinamenti tal-2026 biex jemendaw l-Ordinamenti tal-2024 skont ir-Regolamenti Ġenerali għar-Rikonoxximenti Universitarji sal-Ewwel Grad, 2019 għall-Grad ta' Bachelor of Science (Honours) in Financial Mathematics and Risk Management – B.Sc. (Hons) – taħt il-patroċinju tal-Fakultà tax-Xjenza;

P.L. 567 Avviż Legali Nru 315 tal-2026 – L-Ordinamenti tal-2026 għall-Għażla tal-Applikanti għad-Dħul fil-Kors għall-Grad ta' Bachelor of Science (Honours) – B.Sc. (Hons) - taħt il-patroċinju tal-Fakultà tal-Kirurġija Dentali;

P.L. 568 Avviż Legali Nru 316 tal-2026 – L-Ordinamenti tal-2026 biex jemendaw l-Ordinamenti tal-2010 skont ir-Regolamenti Ġenerali għar-Rikonoxximenti Universitarji sal-Ewwel Grad, 2019 għall-Grad ta' Bachelor of Science (Honours) – B.Sc. (Hons) – taħt il-patroċinju tal-Fakultà tax-Xjenzi tas-Saħħa;

P.L. 569 Avviż Legali Nru 317 tal-2026 – L-Ordinament tal-2026 biex jemenda l-Ordinamenti tal-2023 għall-Għażla tal-Applikanti għad-Dħul fil-Kors għall-Grad ta' Bachelor of Science (Honours) (Midwifery) taħt il-patroċinju tal-Fakultà tax-Xjenzi tas-Saħħa;

P.L. 570 Avviż Legali Nru 318 tal-2026 – L-Ordinament tal-2026 biex jemenda l-Ordinamenti tal-2024 skont ir-Regolamenti Ġenerali tal-2019 għar-Rikonoxximenti Universitarji sal-Ewwel Grad għad-Diploma in Baroque Architecture taħt il-patroċinju tal-Fakultà tal-Ambjent Mibni;

P.L. 571 Avviż Legali Nru 319 tal-2026 – L-Ordinamenti tal-2026 biex jemendaw l-Ordinamenti tal-2014 skont ir-Regolamenti Ġenerali tal-2021 għar-Rikonoxximenti Universitarji ta' wara l-Ewwel Grad għall-Grad ta' Master of Architecture – M.Arch. - taħt il-patroċinju tal-Fakultà tal-Ambjent Mibni;

P.L. 572 Avviż Legali Nru 320 tal-2026 – L-Ordinamenti tal-2026 biex jemendaw l-Ordinamenti tal-2014 skont ir-Regolamenti Ġenerali tal-2008 għar-Rikonoxximenti Universitarji ta' wara l-Ewwel Grad għall-Grad ta' Master of Engineering – M.Eng. - taħt il-patroċinju tal-Fakultà tal-Ambjent Mibni;

P.L. 573 Avviż Legali Nru 321 tal-2026 – L-Ordinamenti tal-2026 skont ir-Regolamenti Ġenerali tal-2021 għar-Rikonoxximenti Universitarji ta' wara l-Ewwel Grad għall-Postgraduate Diploma in Real Estate Management – P.G. Dip. – taħt il-patroċinju tal-Fakultà tal-Ambjent Mibni;

P.L. 574 Avviż Legali Nru 322 tal-2026 – L-Ordinamenti tal-2026 skont ir-Regolamenti Ġenerali għar-Rikonoxximenti Universitarji sal-Ewwel Grad, 2019 għal Pre-Tertiary Certificate in Aircraft Maintenance taħt il-patroċinju tal-Istitut għat-Teknoloġiji Aerospazjali;

P.L. 575 Avviż Legali Nru 323 tal-2026 – Ir-Regolament tal-2026 biex jemenda r-Regolamenti tal-2022 tal-Kors għall-Pre-Tertiary Certificate in Dental Surgery Assistance;

P.L. 576 Avviż Legali Nru 324 tal-2026 – L-Ordinamenti tal-2026 skont ir-Regolamenti Ġenerali għar-Rikonoxximenti Universitarji sal-Ewwel Grad, 2019 għal Pre-Tertiary Certificate in Financial Services taħt il-patroċinju tal-Fakultà tal-Ekonomija, il-Management u l-Accountancy;

P.L. 577 Avviż Legali Nru 325 tal-2026 – L-Ordinament tal-2026 biex jemenda l-Ordinamenti tal-2010 skont ir-Regolamenti Ġenerali tal-2021 għar-Rikonoxximenti Universitarji ta' wara l-Ewwel Grad għall-Grad ta' Licentiate in Sacred Theology – S.Th.L. - taħt il-patroċinju tal-Fakultà tat-Teoloġija;

f'isem il-Ministru għall-Enerġija, l-Ambjent u r-Riġenerazzjoni tal-Port il-Kbir qiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra:

P.L. 578 Tabella li turi tagħrif dwar in-numru ta' substations u feeders ġodda li ġew ikkummissjonati fil-perjodu bejn l-2023 u l-2026, maqsuma skont il-lokalità, bi tweġiba għall-mistoqsija parlamentari 3096; u

f'isem il-Ministru għall-Ugwaljanza u d-Drittijiet Ċivili qiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra:

P.L. 579 Rapport Annwali tal-Awtorità dwar l-Użu Responsabbli tal-Kannabis (ARUC) għas-snin 2023 u 2024; u

P.L. 580 Rapport annwali u stqarrijiet finanzjarji tal-Awtorità dwar l-Użu Responsabbli tal-Kannabis (ARUC) għas-snin 2023 u 2024.

KUMITATI PERMANENTI

L-Ispeaker informa lill-Kamra li skont paragrafu (4) tal-artikolu 120B tal-Ordnijiet Permanenti tal-Kamra, fil-laqgħa tal-Kumitat Permanenti dwar il-Kontijiet Pubbliċi li kienet saret dakinhar, l-Erbgħa, 18 ta' Novembru 2026, l-Onor. Naomi Cachia ssostitwixxiet lill-Onor. Ramona Attard, u fil-laqgħa tal-Kumitat Permanenti dwar is-Saħħa, li kienet se ssir dakinhar ukoll, l-Onor. Ray Abela kien se jkun qed jissostitwixxi lill-Onor. Romilda Zarb.

ORDNIJIET TAL-ĠURNATA

L-Iskrivan tal-Kamra qrat l-Ordnijiet tal-Ġurnata.

ESTIMI ĠENERALI 2027 - KUMITAT TA' PROVVISTA – IT-TNAX-IL SEDUTA STABBILITA

Il-Kamra marret f'Kumitat.

FIL-KUMITAT

Il-President tal-Kumitati, l-Onor. Bernard Grech, ippreseda.

MINISTERU GĦALL-ĠUSTIZZJA, IR-RIĊERKA U L-INNOVAZZJONI

Il-Ministru għall-Ġustizzja, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni, l-Onor. Clifton Grima, ressaq dawn ir-Riżoluzzjonijiet:

VOT 33 - MINISTERU GĦALL-ĠUSTIZZJA, IR-RIĊERKA U L-INNOVAZZJONI

Illi s-somma ta' mhux iżjed minn €100,050,479 li titħallas mill-Fond Konsolidat tiġi applikata taħt il-Vot 33 - Ministeru għall-Ġustizzja, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni, kif dettaljata fl-Abbozz tal-Estimi Ġenerali ta' Nefqa għas-sena 2027.

VOT XV - MINISTERU GĦALL-ĠUSTIZZJA, IR-RIĊERKA U L-INNOVAZZJONI - KAPITAL

Illi s-somma ta' mhux iżjed minn €10,855,000 li titħallas mill-Fond Konsolidat tiġi applikata taħt il-Vot XV - Ministeru għall-Ġustizzja, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni - Kapital, kif dettaljata fl-Abbozz tal-Estimi Ġenerali ta' Nefqa għas-sena 2027.

Il-President tal-Kumitati informa lill-Kumitat li skont il-Mozzjoni ta' Proċedura Nru 70 tal-20 ta' Ottubru 2026, il-ħin tad-diskussjoni kellu jkun ta' mhux iżjed minn tliet sigħat, bil-ħin jinqasam indaqs bejn kelliema tal-Gvern u kelliema tal-Oppożizzjoni, bl-aħħar nofs għall-Gvern.

Fl-4.35 p.m. beda l-ħin disponibbli għall-Oppożizzjoni u l-Onor. George Vital Zammit ressaq din l-Emenda:

VOT 33 - MINISTERU GĦALL-ĠUSTIZZJA, IR-RIĊERKA U L-INNOVAZZJONI

Personal Emoluments
Item 11 - Holders of Political Office

Ħassar iċ-ċifra "€57,928" u ssostitwixxi minflok iċ-ċifra "€57,925".
Delete the figure "€57,928" and substitute therefor the figure "€57,925*".*

Fis-6.02 p.m. skada l-ħin disponibbli għall-Oppożizzjoni u beda l-ħin disponibbli għall-Gvern.

Fid-diskussjoni ħadu sehem l-Onor. George Vital Zammit, l-Onor. Mark Anthony Sammut u l-Onor. Joe Giglio għan-naħa tal-Oppożizzjoni u l-Onor. Clifton Grima, l-Onor. Ramona Attard u l-Onor. Francesca Zarb għan-naħa tal-Gvern.

Fis-7.29 p.m. id-diskussjoni kienet konkluża skont il-Mozzjoni ta' Proċedura Nru 70 tal-20 ta' Ottubru 2026.

Il-Kamra rriżumiet u l-Ministru għall-Ġustizzja, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni rrapporta li skont il-Mozzjoni ta' Proċedura Nru 70 tal-20 ta' Ottubru 2026, id-diskussjoni fuq il-Voti tal-Ministeru għall-Ġustizzja, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni kienet ġiet konkluża, u li l-mistoqsija fuq l-emenda u l-voti mressqa kellhom jittieħdu f'seduta li d-data tagħha kellha tiġi deċiża skont l-istess mozzjoni ta' proċedura.

AĠĠORNAMENT

Fis-7.30 p.m. il-Ministru għall-Ġustizzja, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni, l-Onor. Clifton Grima, ippropona l-aġġornament tal-Kamra għat-Tnejn, 23 ta' Novembru 2026 fl-4.00 p.m. b'din l-aġenda:

<u>Ordnijiet tal-Ġurnata</u>

Estimi Ġenerali 2027 - Kumitat ta' Provvista

<u>It-Tlettax-il Seduta Stabbilita – Uffiċċju tal-Prim Ministru</u>

Vot 1 - Uffiċċju tal-President
Vot 6 - Uffiċċju tal-Prim Ministru
Vot 7 - Informazzjoni
Vot 8 - Stamperija tal-Gvern
Vot 9 - Uffiċċju Elettorali
Vot 10 - Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku
Vot I - Uffiċċju tal-President – Kapital
Vot IV - Uffiċċju tal-Prim Ministru – Kapital

Skont il-Mozzjoni ta' Proċedura Nru 70 tal-20 ta' Ottubru 2026:

<u>Mozzjonijiet</u>

L-Ewwel Qari ta' Abbozz ta' Liġi dwar ir-Regolamentazzjoni ta' Prodotti tal-Kannabis b'Livell Baxx ta' THC

Il-Ministru għall-Ġustizzja, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni informa lill-Kamra li skont il-Mozzjoni ta' Proċedura Nru 70 tal-20 ta' Ottubru 2026, id-diskussjoni fuq il-voti tal-Uffiċċju tal-Prim Ministru kellha

tieħu mhux aktar minn tliet sigħat, bil-ħin jinqasam indaqs bejn kelliema tal-Gvern u kelliema tal-Oppożizzjoni, bl-aħħar nofs għall-Gvern.

Huwa informa wkoll lill-Kamra li mistoqsijiet jistgħu jiġu magħmula sal-4.30 p.m. u li l-ħin tal-aġġornament ma jitteħidx.

Fis-7.32 p.m. il-Kamra aġġornat skont il-Mozzjoni ta' Proċedura Nru 70 tal-20 ta' Ottubru 2026.

ELEANOR SCERRI
SKRIVAN TAL-KAMRA

KONFERMATI

ONOR. CARMELO ABELA
SPEAKER